MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 307/2011

Appell Nru: 307/2011

Il-Pulizija

Vs

Mark Tanti

Illum, 27 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Mark Tanti detentur tal-karta ta' l-identita 207875M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

F' 18 ta' Awwissu, 2010, ghal habta ta' l-10:00am gewwa Triq il-Belt Valletta, Hal Qormi:

1. Ingurja u hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku PS372 J. Vella waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni tal-istess servizz.

2. u aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied;

3. u aktar talli qal kliem ghoxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

4. u aktar talli naqas milli jghati l-partikolaritajiet tieghu lil Pulizija.

Il-Qorti giet mitlub li f'kaz ta' htija tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 95, 338(bb), 342 u 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u illiberat lill-imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar minn dakinhar tas-sentenza.

Inoltre, b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lil imputat b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Euro (Euro 500) li jzomm il-kwiet ma' PS 372 J. Vella u li jzomm il-bonordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien sena minn dakinhar tas-sentenza.

Finalment il-Qorti taght lill-imputat l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Tanti pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Lulju, 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassa is-sentenza appellata u minflok tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju tal-appellant li in succint huwa is-segwenti :

Illi ghandu jirrizulta evidenti li l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma humiex legalment ammissibli u fl-aghar ipotezi ghall-appellant, tassew mhux kredibbli filwaqt li dawk imressqa mid-difiza konsistenti fix-xhieda viva voce tal-istess appellant minn jeddu u kif ukoll ta' tliet xhieda ohra okulari in difiza jaghtu xejra ohra kompletament differenti ta' kif beda u zvolga l-argument verbali bejn l-appellant u l-pulizija.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Mark Tanti huwa iben Anthony Tanti illi ghandu negozju bl-isem ta' Topper Auto Dealer f'Valletta Road, Hal Qormi. Fit-tmintax (18) ta' Awwissu tal-elfejn u ghaxra (2010) ghal habta tal-ghaxra (10.00) il-pulizija marru f'dan il-post fejn fit-triq sabu diversi karozzi proprjetà tal-appellant u missieru illi kienu esposti minghajr licenzja u ghalhekk il-pulizija qalu lil Anthony Tanti missier l-appellant biex inehhi dawn il-karozzi. Fost il-pulizija kien hemm PS 372 Jurgen Vella, illum spettur tal-pulizija, fejn ipprezenta affidavit a fol 8 tal-process li fih iddeskriva dak li gara u l-komportament tal-appellant Mark Tanti. F'dan l-affidavit Jurgen Vella jghid illi meta beda jaghti citazzjonijiet tal-vetturi illi kienu fit-triq minghajr licenzja avvicinah l-appellant fejn infurmah illi ftit qabel kien mar PC 544 u kien ordnalu sabiex inehhi l-vetturi u missieru kien fil-process illi jaghmel dan. Is-Surgent Vella qallu illi l-ordni tal-pulizija kienet madwar saghtejn qabel izda l-karozzi xorta kienu ghadhom hemm. Kien hawnhekk illi l-appellant beda jidghi u jghajjat mieghu u li hu kien qieghed jirrappurtalu l-vetturi ghalxejn ghax kienu qieghdin ipparkjati go hwejjgu. Minkejja illi s-Surgent Vella u l-kollegi tieghu ippruvaw jikkalmaw lill-appellant dan f'hin minnhom cempel lil missieru fejn qallu illi s-Surgent Vella kien qed jirrapporta l-karozzi taghhom. L-appellant qal lil missieru illi se jaqta' ghax kien se jehel il-habs fuq il-pulizija. Fuq dan id-diskors is-Surgent Vella talbu d-dettalji izda l-appellant irrifjuta li jtihomlu. Is-Surgent Vella ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti fejn ikkonferma l-affidavit tieghu. Hu zied jghid illi hin minnhom l-appellant anke stiednu ghal glied wara li jinza' l-uniformi. Kien wara xi hin illi gie

missier l-appellant Anthony Tanti fejn dan beda jikkalmah u qallu biex jaghti d-dettalji lill-pulizija kif fil-fatt l-appellant ghamel.

Xehed ukoll f'dawn l-atti PC 544 Darren Micallef li kien l-ewwel fuq il-post u li kien ordna lil Anthony Tanti sabiex inehhi l-karozzi mhux licenzjati mit-triq. Meta regghu marru xi saghtejn wara l-karozzi kienu ghadhom hemm u kien l-appellant Mark Tanti illi gie fuqhom b'hafna dagha, ghajjat u kliem hazin. Jiftakar lill-appellant icempel lil missieru u jghidlu li ser jaqta' ghax ser jehel sentejn habs fuq il-pulizija – kien qed jirreferi ghas-Surgent Jurgen Vella. Wara dak il-kliem is-surgent talbu d-dettalji u l-appellant irrifjuta li jtihomlu. PC Darren Micallef qal lill-Qorti illi l-appellant kien agressiv hafna maghhom u kompla jtenni illi hemmhekk kien hwejjgu u seta' jaghmel li jrid.

Xehed ukoll PC 1316 Peter Agius fejn ikkonferma l-affidavit u wera lill-Qorti l-mod aggressiv illi l-appellant mexa mal-pulizija u wkoll jiftakar lill-appellant jghid lis-surgent inehhi l-uniformi halli jiggieldu ghax ma kienx jibza' minnu. Jiftakar lill-appellant jirrifjuta jaghti l-particulars lis-surgent u kien biss wara l-intervent ta' missieru illi dan tahomlu wara hafna paroli fil-vojt, kliem hazin u dagha.

L-appellant Mark Tanti qal illi huwa kien fil-garaxx ta' missieru Hal Qormi u ma kellu tort ta' xejn b'dak illi gara. Lill-pulizija kellimhom b'mod prudenti izda jikkonferma illi ghal ewwel ma riedx jaghtihom il-particulars izda mbaghad tahomlhom. Kienu huma illi rrabjaw mieghu u mhux hu u f'dan il-mument jista' jkun illi ghajjarhom xi wahda.

Xehed ukoll ghad-Difiza Anthony Tanti missier l-appellant illi meta mar fuq il-post sab lill-pulizija hemmhekk jargumentaw ma' ibnu l-appellant. Jikkonferma però illi qabel kienu gew il-pulizija u qalulu biex inehhi l-karozzi u kien qed itellaghhom ftit ftit. Kienu meta gew it-tieni darba illi nqala' l-incident mat-tifel. Veru illi t-tifel deher irrabjat ghall-pulizija u hin minnhom irrifjuta illi jaghti l-particulars izda Anthony Tanti ikkonvincih biex jaghtihomlu kif fil-fatt ghamel.

Xhedet ukoll Margaret Tanti omm l-appellant illi toqghod f'fond fuq il-garaxx taghhom Hal Qormi. Harget fil-gallerija u rat lill-pulizija jaghtu citazzjonijiet lill-

karozzi taghhom li kienu ipparkjati barra. Rat pulizija jaqbad lill-appellant minn sidru u jressqu lejn xibka ta' paddock. Ma setghetx xi diskors ta' dagha min-naha tal-appellant izda hi ma kinitx hdejjhom ghax baqghet dejjem fil-gallerija tad-dar taghhom.

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali tal-appellant huwa illi l-provi tal-Prosekuzzjoni mhumiex legalment ammessibbli u illi ma kinux kredibbli, dan ghaliex l-affidavits ta' PC 1316 P. Agius u PC 954 James Mangion kienu ripetizzjoni ta' dak illi kien ghamel is-Surgent Jurgen Vella u l-appellant jirreferi ghalihom bhala "cut and paste" u li certament ma setghux jitqiesu bhala dikjarazzjonijiet guramentati personli ta' dak l-individwu partikolari. Argumenta ukoll illi dawk l-affidavits ma kellhomx jigu ammessi bhala prova valida f'process penali il ghaliex b'daqshekk tkun qed tigi stultifikata l-process tal-gustizzja kif ukoll meqjus addirittura bhala abbuz tas-sistema.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tal-affidavits prezentati f'dawn l-atti jidher illi l-osservazzjoni tal-appellant huwa minnu. L-affidavit ta' PC 1316 Agius  u PC 954 James Mangion ghal ghal dak li hu l-ewwel faccata taghhom huwa "cut and paste" tal-affidavit li prezenta s-surgent. Ghad illi PC 954 James Mangion ikompli bl-affidavit tieghu a pagna 11 li huwa differenti minn dawk tal-ohrajn. Din il-Qorti taqbel mal-argument tad-Difiza illi dana huwa abbuz tas-sistema. Hawnhekk m'ghandniex korraborazzjoni, izda ripetizzjoni illi huwa perikoluz illi jkun prezentat bhala prova f'process penali u ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta l-affidavits ta' PC 1316 Agius u PC 954 James Mangion, zgur, almenu ghal dak li jirrigwarda l-affidavit li jidher a fol 10 tal-process. Madanakollu kemm is-Surgent Vella, illum spettur, PC 544 u PC 1316 Peter Agius taw id-depozizzjoni taghhom viva voce quddiem din il-Qorti u kkonfermaw l-attitudni aggressiva illi l-appellant ha fil-konfront taghhom illi ma kienu qed jaghmlu xejn specjali hlief li josservaw il-ligi u jgibu l-attenzjoni tal-appellant illi kellu karozzi mhux licenzjati ipparkjati fit-triq.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubida mix-xhieda taghhom viva voce fejn dawn jiddeskrivu b'mod car u grafiku l-aggressjoni tal-appellant, il-kliem hazin, dagha u kliem oxxen illi huwa indirizza versu l-pulizija u kif ukoll naqas milli jaghti l-partikolaritajiet tieghu lill-pulizija kif konformat ukoll minn missieru stess Anthony Tanti. L-appellant jikkonferma illi kellu dan l-argument mal-pulizija izda jghid illi ma kellux tort ghax kienu l-pulizija li ma mxewx b'mod prudenti mieghu u jista' jkun illi f'dan l-argument ghajjarhom xi wahda. Din il-Qorti tahseb illi ma kinitx "xi wahda" illi l-appellant ghajjar lill-pulizija izda baqa' ghaddej b'litanija ta' kliem hazin, dagha u paroli fil-vojt waqt li l-pulizija kienu qieghdin jaqdu d-dmirijiet taghhom. Ghalhekk, din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------